## QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 559/2023 GG fl-ismijiet:**

**Anthony Fenech (K.I. nru 470546M fil-vesti tieghu ta' legatarju tad-defunt Francesco Fenech (K.I. nru 580739M)**

**vs.**

**Emanuel Laferla bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Mihael Angelo Fenech (Passaport Malti bin-numru 1333106), Maria Viola (Pssaport Malti bin-numru 831317), Josephine Bennet (Passaport Malti bin-numru 0910117), fil-vesti taghhom ta' legatarji tad-defunt Francesco Fenech (K.I. nru 580739M), u**

**Nazzareno Galea li b'digriet tal-10 ta' Mejju, 2023 kien mahtur Kuratur sabiex jidher ghall-assenti Therese Fenech maghrufa wkoll bhala Therese Fenech Wood (Passaport Malti bin-numru 0910099) fil-vesti taghha ta' legatarji tad-defunt Francesco Fenech (K.I. nru 580739M), u**

**Christine Mifsud (K.I.nru 261184M) fil-vesti ta' eredi universali ta' Francesco Fenech.**

Illum 15 t' April, 2025

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Alfred Fenech ippreżentat quddiem din il-Qorti fl-4 t'April, 2023 li bih talab il-hrug ta' mandat ta' inbizzjoni sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu billi jzomm lill-intimati milli:

> Jbiegħu, ineħħu, jitrasferixxu jew jiddisponu *inter vivos* sew b' titolu oneruż jew gratuwitu xi propjeta', u b'mod partikulari, propjeta' derivanti mill-wirt tal-ġenituri tal-kontendenti Fenech kif aħjar spjegat fit-testment tad-defunt Francesco Fenech in atti tan-Nutar Anne Marie Tonna datat 7 ta' Marzu 2013, u kif ukoll propjeta' derivanti mill-wirt taz-ziju tal-kontendenti Fenech, Carmelo Fenech, liema propjetajiet jikkonsistu *inter alia* fis-segwenti:

a. Sehemhom mill-fond numru sitta (6) fi Triq il-Qasira, Mosta, bl-arja relattiva u s-sottosuol tagħha, liberu u frank, bid-drittijiet u l-ġustijiet u l-pertinezi tiegħu kollha;

b. Sehemhom mill-art agrikola illi tinsab fuq Triq il-Wied, bejn Triq Ġuze Galea u Triq ir-Razzett l-Aħmar, l-Iklin, ta' kejl superficjali ta' ċirka tlett elef u disgha u erbgħin metru kwadru (3049mk), liema propjeta' tinsab barra miż-żona ta' żvilupp u tikkonfina mill-irjiehat kollha ma' beni ta' terzi mhux magħrufa;

c. Sehemhom mill-art agrikola illi tinsab f'Binġemma u li ghandha l-kejl superficjali ta' ċirka elf, mitejn u wieħed u erbgħin metru kwadru (1241mk) u li tikkonfina mill-irjiehat kollha ma' beni ta' terzi mhux magħrufa;

d. Sehemhom mill-biċċa agrikola illi tinsab wara l-bini tad-djar ta' Binġemma ta' kejl superficjali ta' ċirka seba' mija u tmienja u tmenin metru kwardru (788mk) u li għandha aċċess dirett minn trejqa li twassal ghal Binġemma, konfinanti mill-irjiehat kollha ma' beni ta' terzi mhux magħrufa;

e. Sehemhom mill-biċċa agrikola illi tinsab wara l-bini tad-djar ta' Binġemma ta' kejl superficjali ta' ċirka teltt mija u tmienja u għoxrin metru kwadru (328mk) u li għandha aċċess dirett minn trejqa li twassal ghal Binġemma, konfinanti mill-irjiehat kollha ma' beni terzi magħrufa;

f. Sehemhom mid-dar bin-numri ufficjali erbgha u ħamsin (54) u sitta u ħamsin (56), fi Triq il-Mitħna l-Qadima, il-Mosta, bl-arja relattiva u s-sottosuol tagħha, libera u franka, bid-drittijiet, il-ġustijiet u l-pertinenzi tagħha kollha;

g. Sehemhom mill-art agrikola tal-kejl ta' disa' mija u sebgħa u ħamsin metru kwadru (957mk) fil-Ġnejna, konfinanti mill-irjihat kollha ma' beni ta' terzi mhux magħrufa, liema art għanda aċċess dirett mit-triq prinċipali li tagħti ghall-bajja tal-Ġnejna, u ma tinsabx f'zona ta' zvilupp, libera u franka, bid-drittijiet, il-ġustijiet, u l-pretinenzi tagħha kollha;

h. Sehemhom mid-dar fl-indirizz 85, gia' 7, Triq il-Mithna l-Qadima, il-Mosta, u

i. Sehemhom minn kwalunkwe proprjetajiet ohrajn derivanti mill-wirt tal-ġenituri tagħhom (Giuseppe Feneh u Angela nee Galea) u/jew mill-wirt tad-defunt ħuhom Francesco Fenech, u/jew mill-wirt tad-defunt zijuhom Carmelo Fenech;

j. Is-sehem derivanti mill-wirt ta' Carmelo Fenech *inter alia* fid-dar fl-indirizz 85, gia 7, Triq il-Mithna l-Qadima, Mosta, liema wirt iddevolva favur il-partijiet inkluz d-defunt Francesco Fenech;

Rad id-digriet taghha tal-istess jum li bih laqghet it-talba provvizorjament, ordnat in-notifika b'ghaxart (10) ijiem zmien ghar-risposta u appuntat ir-rikors ghat-trattazzjoni ghal-14 t'April, 2023 fl-12.00pm;

Rat illi saru diversi tentattivi ta' notifika, diversi differimenti ghall-hatra ta' kuraturi deputati u n-notifika taghhom kif ukoll d-digriet taghha tal-4 ta' Lulju, 2024 dwar punt procedurali, u li finalment Emanuel Laferla ta ruhu b'notifikat fl-udjenza tal-11 ta' Frar, 2025 f'liema data r-rikors thalla ghas-sottomissjonijiet erbali ghall-udjenza tal-5 ta' Marzu, 2025;

Rat ir-risposta tal-intimat Emanuel Laferla bhala mandatarju specjali tal-assenti Michael Angelo Fenech, pprezentata fir-Registru tal-Qorti fit-08 ta' Mejju, 2023;

Rat ir-risposta ta' Nazzareno Galea bhala kuratur tal-assenti Theresa Fenech maghrufa wkoll bhala Theresa Fenech Wood ipprezentata fir-Registru tal-Qorti fl-14 ta' Novembru, 2023;

Rat ir-risposta tal-intimat Emanuel Laferla tal-11 ta' Frar, 2025 din id-darba bhala mandatarju specjali tal-assenti Antonietta Angelina Viola, Adriana Natalie Viola, Dominique Sonia Vella u Michael Vincent Viola [eredi tal-fu Maria Viola] n-nota b'dokument ipprezentata mir-rikorrenti;

Rat illi Christine Mifsud, debitament notifikata, naqset milli twiegeb;

Semghet is-sottomissjonijiet orali tal-abbli difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-5 ta' Marzu, 2024;

Ikkunsidrat:

**Il-fatti:**

1. Illi l-partijiet huma werrieta u legatarji tad-defunt Francesco Fenech kwantu l-propretajiet elenkati fir-rikors promutur u dan kif regolati b'testment tal-istess Francesco Fenech. B'rizultat ta' dan, ir-rikorrenti u l-intimati huma kopropretarji ta' dawn il-beni izda r-rikorrenti ma jixtieqx li jibqa' fi stat ta' komunjoni mal-werrieta u l-legatarji l-ohra u jghid li dawn il-beni huma komodament divizibbli tant illi gia ressaq il-pretensjoni tieghu permezz ta' rikors mahluf li fih qed jitlob il-qasma tal-istess propretarjiet;

2. Ir-raguni mressqa mir-rikorrenti fir-rikors ghall-hrug ta' dan il-mandat tghid testwalment hekk: *"L-esponenti ghandu interess li jaqsam il-propretajiet surriferiti sabiex ma jibqax fi stat ta' komunjoni ta' proprjeta' mal-bqija tal-kontendenti u huwa ghalhekk illi fil-kawza prezentata kontestwalment qieghed, fost talbiet ohrjan, jitlob il-qasma tal-istess propretajiet. Ikun ta' pregudizzju serju ghar-rikorrenti jekk l-intimati ma jigux inibiti milli jitrasferixxu sehemhom mill-proprejeta' fuq imsemmija, stante li jekk dawn ma jitwaqqfux, il-proprejta' sejra tghaddi*

*lill-terzi mhux maghrufa liema terzi jistghu jergghu jitrasferixxu lil terzi ulterjuri ad infinitum"*;

**Il-Ligi**

3. Illi dak li r-rikorrenti qieghed jitlob bil-procedura intentata huwa regolat bl-artikolu 873(1) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi *"L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat"*. Il-kaz in disamina huwa klassifikat bhala mandat ta' indibizzjoni generali kif ravvizat fl-artikolu appena indikat u ghalhekk kif inhu akkolt fil-gurisprudenza kopjuza in materja, Qorti ma ghandiex takkorda l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni hlief jekk ir-rikorrent li jitlob il-hrug ta' dan il-mandat juri li dan hu mehtieg ghal-preservazzjoni tal-jeddijiet tieghu b'mod illi c-cahda tieghu tkun tissarraf fi pregudizzju. Apparti dan, jehtieg li jkun jidher fuq bazi *prima facie* li r-rikorrenti ghandu dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg rekwiziti jehtieg li jkunu prezenti flimkien tant illi n-nuqqas ta' presenza ta' wahda minnhom tkun fatali ghall-min qed jaghmel it-talba;

**Il-Jedd Pretiz**:

4. Illi ghalhekk jehtieg li jirrizulta illi min jitlob il-hrug tal-mandat ghandu jedd x'jipprezerva u li dak il-jedd irid ikun wiehed deducibblil f'gudizzju. Fis-sentenza fl-ismijiet **Nutar Dottor**

**Giuseppe Sammut noe vs Frank Scicluna et** (App Civ 2.06.1969) bosta drabi citata f'decizzjonijiet ta' din il-Qorti, kien ritenut illi:

*Ghad-differenza ta' mandati kawtelatorji ohrajn, rigward il-mandat kawtelatorju ta' inibizzjoni l-ligi tezigi zewg kondizzjonijiet, cioe' li l-Qorti li lilha jsir ir-rikors tkun sodisfatta illi l-mandat hu necessarju ghall-konservazzjoni tad-dritt li in kawtela tieghu l-mandat jintalab u li prima facie dak id-dritt jidher li jispetta lil min jitolbu. Peress illi l-ligi tezigi li min johrog il-mandat hu obbligat li fiz-zmien qasir preskritt jiddeduci b'kawza l-jedd imsemmi fil-mandat, din il-Qorti hi tal-fehma illi ma jkunx jista' jinghad, ghall-finijijet tal-hrug tal-mandat, illi d-dritt prima facie jispetta lir-rikorrent jekk prima facie ikun jidher fl-istess hin illi l-pretensjoni dwar dak l-istess dritt m'hix kapaci li tigi dedotta in gudizzju quddiem il-Qorti.*

5. Illi dan hu hekk ghaliex dak il-jedd li jallega min jitlob il-mandat huwa wiehed li ghad irid ikun dibattut u deciz mhux fil-procedura odjerna izda fi procedura ohra quddiem fil-forma ta' rikors mahluf fil-kontenzjuz. Huwa ugwalment akkolt fil-gurisprudenza illi fl-ezami u r-ricerka fil-fatti migjuba quddiemha ghad-decizjoni dwar iz-zewg rekwiziti, din il-Qorti ghandha timxi b'mod sommarju tant li mhux mistenni minnha li tiehu konjizzjoni u tiddeciedi bl-istess mod mistenni mil-Qorti fil-kaz tal-kontenzjuz. In konkluzzjoni dwar l-ewwel element, jista' jinghad li t-test li ghandu jsir hu jekk il-jedd li qed tinvoka r-rikorrenti huwiex wiehed deducibbli quddiem il-forum kompetenti u li tali ezami jsir fuq bazi *prima facie*, jigifieri jekk mad-daqqa t'ghajn r-rikorrenti jgawdix minn dak il-jedd

minnu pretiz. Jekk dan jirrizulta, allura l-Qorti tissokta bl-ezami tat-tieni element;

6. Illi finalment, u bil-ghan ta' rikapitular fuq dan il-punt, tajjeb li ssir referenza ghal dak osservat fid-digriet fl-atti tal-Mandat Nru 1742/2016/1 PA fit-12 ta' Dicembru, 2016 fl-ismijiet **Helen Mercieca et vs Inginier Joseph Bajada**:

> *Illi kulma huwa mehtieg, u fl-istess hin huwa bizzejjed, ghall-hrug ta' mandat t'inibizzjoni, [huwa] li jkun hemm fumus boni iuris. Huwa logiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinhareg qabel ma jigi accertat min ghandu ragun, il-mandat jinhareg favur dak li "jidher" (fi kliem l-istess ligi) mal-ewwel daqqa t'ghajn li ghandu ragun. Igifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem iehor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naha l-wahda jeskludi pretenzjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew sahansitra fejn hemm mera possibilta' u min naha l-ohra jeskludi l-htiega li l-pretenzjoni jkollha probabbilta' kbira li tintlaqa'. Dan hu konformi mac-cirkostanza li procedura ta' din ix-xorta hija intiza sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smiegh tal-kawza dwar il-jedd. Dan billi fil-process dwar il-mertu, l-iskop hu li jigi accertat x'inhu d-dritt fil-kaz konkret, filwaqt li l-iskop tal-process ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni ghandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament gudizzjarju dwar jekk hix tabilhaqq fondata fid-dritt jew le.*

7. Illi kwantu dan l-ewwel element, ghalhekk il-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina u tiddeciedi it-talba tar-rikorrenti fil-qafas legali appena mghoddi in rassenja. Kwantu jekk id-dritt pretiz mir-rikorrent huwiex wiehed li jista' jkun deducibbli quddiem il-Qorti kompetenti, gia mad-daqqa t'ghajn jirriskontra ostakolu. Dan ghaliex filwaqt illi r-rikorrenti jghid li ma jridx jibqa' fi stat ta' komunjoni mal-intimati tant li gia ressaq rikors ghad-divizzjoni tal-proprjeta' fl-istess waqt qed jitlob li jkunu inibiti milli jitrasferixxu s-sehem taghhom lil terzi *"mhux mgharufa"* ghaliex b'hekk dawn jistghu jergghu jitrasferixxu lil terzi ohra. R-rikorrent bhal donnu qed jallega illi t-trasferiment lil terzi jista' jsir b'xi mod li ma jkunx traccabbli jew identifikabbli x-xerrej. Haga din li tirrazzenta l-fierah ghaliex trasferiment ta' mmobbli jista' jsir biss permezz ta' att notarili lill-persuna jew persuni identifikabbli b'mod allura li jsiru kemm isiru trasferimenti lil u bejn terzi dejjem ser ikun identifikabbli l-ahhar akkwirenti ta' dawk l-immobbli;

8. Illi, oltre minn hekk, kull werriet u legatarju ghandu l-jedd li jitrasferixxi s-sehem li jkun hekk possedut in komuni mal-werrieta jew legatarji l-ohra u r-raguni ghaliex r-rikorrenti jrid li dan il-mandat ikun konfermat mhix wahda mir-ragunijiet li ghaliha din il-Qorti tista' b'xi mod tinibixxi lill-kopropretarji l-ohra milli jitrasferixxu s-sehem indiviz taghhom minn dawk il-beni;

9. Illi tant hu hekk illi mid-Dokument TF1 esebit mir-rikorrenti, li huwa kopja tar-rikors mahluf fl-istess ismijiet, jemergi illi t-talbiet hemm dedotti jippostulaw talba ghad-divizzjoni tal-proprjeta' u jfejn dan mhux possibbli allura talba sussidjara ghal-licitazzjoni tal-

fondi. Ghalhekk lanqas biss ma huwa rifless dak mitlub mir-rikorrenti fir-rikors odjern, ossia li l-intimati jkunu inibiti milli jiddisponu mis-sehem taghhom minhabba l-possibilita' li jsir trasferiment lil terzi "*ad infinitum*";

10. Illi ghalhekk t-talba tar-rikorrenti tippekka fl-ewwel element li jrid l-artikolu 873 tal-Kapitolu 12 billi l-jedd pretiz mhux wiehed deducibbli quddiem Qorti;

11. Illi ghalhekk ma hemmx htiega li jkun ezaminat l-element tal-irrimedjabilita' f'kaz li dan ir-rikros ma jkunx milqugh anke ghaliex marbut ma' dak konsiderat dwar l-ewwel element, ma jista' jkun hemm ebda pregudizzu li l-intimati jiddisponu mis-sehem indiviz taghhhom favur terzi jekk hekk jiddeciedu li jaghmlu;

12. Ghal dawn ir-ragunijiet filwaqt illi tichad it-talba tar-rikorrenti tirrevoka d-digriet taghha tal-4 t'April, 2023 li bih laqghet provizorjament it-talba tar-rikorrenti.

13. L-ispejjez huma rizervati ghall-gudizzju finali.

Onor. Dr. Giovanni M Grixti

Imħallef

Nicole Cini

Deputat Registratur